MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 360/2010

**Olvin Mangion (K.I. 473058M)**
**Vs**
**Jimmy Gauci**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mitt ewro (€400) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut wara li gie inkarigat mill-attur fi Frar, 2009 sabiex jahdem u jqieghed poggaman fil-fond tal-attur.

Illi l-attur kien hallas depozitu ta' €400 fl-24 ta' Frar 2009 (Dok.A anness mat-talba). Illi l-poggaman imsemmi qatt ma gie ikkonsenjat u ghalkemm interpellat diversi drabi, l-intimat qieghed jirrifjuta li jirrifondi l-erba' mitt ewro (€400).

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikundanna lill-konvenut ihallas lura s-somma ta'€400 bl-

imghax minn Frar, 2009 u bl-interessi kollha kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-19 ta’ April, 2010 mid-difensur ta’ l-attur.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------